


# L-istatwa ta' San Mikiel fil-Bażilka ta' San Ġorġ f'Għawdex



Waħda mill-istatwi li għandha storja kemmxejn partikolari hija dik ta' San Mikiel li qedgħa fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victorja f'Għawdex.

Din l-istatwa li hija x-xogħol fl-inja, tal-Iskultur Xandru Farrugia qabel kienet fil-Knsija Arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal-Qormi.

Mastru Xand Farrugia ħadem din l-istawa fis-sena 1838 u kien ħallas għaliha ċertu Ġanni Cassar li dak iż-żmien kien Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Mikiel tal-Knisja ta' Ħal Qormi.

Ġara li dan il-Prokuratur li kien ħareġ minn butu l-flus, mhux biss biex issir din l-istatwa ta' San Mikiel, iżda wkoll ghal-Istandart tal-Fratellanza flimkien mal-Medaljun fost l-oħrajn, kellu xi jgħid mal-kumplament tal-membri tal-Fratellanza dwar xi dritt li kellu fuq dawn l-oġġetti. Wara li rebaħ kawza dwar dan fil-qorti kien zamm dawn l-oġġetti għandu, filwaqt li l-Istatwa ta' San Mikiel li kien hemm fil-Knsija ta' Ħal Qormi ġiet mixtrija mill-Fratellanza ta' San Mikiel tal-Knisja tar-Rabat Għawdex.

L-istatwa imbiegħet minn Ġanni Cassar lill-Fratellanza għas-somma ta' mitt skud u waslet Għawdex fis-sena 1866.

Il-fratelli ta' Ħal Qormi ma damux biex ordnaw statwa ġdida ta' San Mikiel mingħand l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi. L-istatwa kienet lesta fis-sena 1865. Dan l-iskultur kien






għadu kemm naqqax fl-injam l-istatwa Titulari ta' San Ġorġ għal Knsija tar-Rabat Għawdex. Statwa li lestieha fis-sena 1839.

Mela għal l-istorja ngħidu li Pietru Pawl Azzopardi ħadem l-istatwa ta' San Ġorġ għal Knsija tar-Rabat Għawedex u l-Istatwa ta' San Mikiel għal Knsija ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, filwaqt li Mastru Xandru Farrugia ħadem l-Istatwa ta' San Mikiel għal Knisjja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi biex wara ġiet meħuda fil-Knisja ta' San Ġorġ f'Għawdex.

Il-fatt kurjuż huwa li dawn iż-żewġ skulturi kienu t-tnejn lavranti jew aħjar alljevi tal-Iskultur Bormliż Marjanu Gerada.

Jista jkun li minħabba dan il-fatt li t-tnejn ħadmu mal-Iskultur Gerada ż-żewġ statwi ta' San Mikiel ta' Ħal Qormi u tar-Rabat għandhom xebħ kbir mal-istatwa ta' San Mikiel li Marjanu Gerada naqqax fl-injam għal kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla.

Il-Festa t-tajba lill-kullħadd.

**Mario Fenech**



